

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għas-Sajd

2008/2223(INI)

2.2.2009

EMENDI 1 - 22

Abbozz ta' rapport
Elsbeth Attwooll
(PE418.118v01-00)

Il-Governanza fi ħdan il-Politika Komuni dwar is-Sajd: il-Parlament Ewropew,
il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali u atturi oħra
(2008/2223(INI))

AM_Com_NonLegReport

Emenda 1
Duarte Freitas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

billi l-attività li qed tiżdied min-naħa tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali qed tkun mxekkla minn fondi ristretti,

Emenda

O. billi l-attività li qed tiżdied min-naħa tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali qed tkun mxekkla minn fondi ristretti ***u l-approċċ eċċessivament burokratiku u inflessibbli tal-Kummissjoni għall-immaniġġjar u l-kontroll finanzjarju fir-rigward tal-fondi allokatilhom,***

Or. pt

Emenda 2
Duarte Freitas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

billi l-attività li qed tiżdied min-naħa tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali qed tkun mxekkla minn fondi ristretti,

Emenda

Pa. billi r-rappreżentanti tal-Kummissjoni sikwit jonqsu milli jattendu l-laqgħat tal-grupp tal-ħidma tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali,

Or. pt

Emenda 3
Duarte Freitas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

billi l-attività li qed tiżdied min-naħa tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali qed tkun mxekkla minn fondi ristretti,

Emenda

Sa. billi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali mhux dejjem jingħataw attenzjoni xierqa, b'mod speċjali meta ma jkunux ġew approvati

b'mod unanimu mill-kumitati eżekuttivi,

Or. pt

Emenda 4
Carmen Fraga Estévez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1. Jitlob biex il-membri tal-Kumitat għas-Sajd tiegħu jingħataw l-istatus ta' osservaturi waqt il-laqgħat tal-Kunsill tal-Ministri għas-Sajd;

imħassar

Or. es

Emenda 5
Carmen Fraga Estévez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

2. Jitlob li jkun hemm lista ta' Organizzazzjonijiet għas-Sajd Reġjonali u entitajiet internazzjonali oħra fejn l-attendanza għalihom mill-membri tal-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament Ewropew għandha tkun iffinanzjata mill-Parlament bħala ħaġa ta' rutina;

2. Jitlob li l-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament biex iwettqu x-xogħol meħtieġ biex jinlaħaq ftehim ġenwin li jstipula l-forom standard ta' parteċipazzjoni għall-membri tal-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament Ewropew fl-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar tas-sajd reġjonali (regional fisheries management organisations -RFMOs) u korpi internazzjonali oħra li l-laqgħat tagħhom huma dedikati għal diskussjoni ta' suġġetti li jaffettwaw il-Politika tas-Sajd Komuni, bl-intiża li dan m'għandu bl-ebda mod ixekkel l-istatus preżenti tagħhom ta' osservaturi f'laqgħat li għalihom ikun ġie miftiehem tali arranġament;

Emenda 6
Carmen Fraga Estévez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jitlob li tiġi pprovduta informazzjoni aktar kompluta dwar l-operat tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd u, b'mod partikulari, dwar l-attivitajiet tal-Kumitati ta' Monitoraġġ Konġunt;

Emenda

3. Jitlob ukoll lill-Kunsill, bi qbil mal-Kummissjoni u l-Parlament, sabiex jippermetti l-membri tal-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament biex iservu fil-Kumitati Konġunti mwaqqfa fil-qafas tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd, biex ikun possibbli li jitwettaq segwitu adegwat ta' dawn il-ftehimiet; b'żieda ma' dan isemmi li d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona iġib miegħu responsabilitajiet akbar għall-Parlament, minħabba li l-ftehimiet ta' sħubija jkollhom jiġu approvati permezz tal-proċedura ta' kunsens;

Emenda 7
Duarte Freitas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3a. Jiġbed l-attenzjoni dwar l-importanza li jkun żgurat li r-rappreżentanti tal-Kummissjoni jattendu l-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma u tal-kumitati eżekuttivi tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali b'mod aktar regolari;

Emenda

Emenda 8
Carmen Fraga Estévez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7. Jinnota li ġew issuġġeriti għażliet differenti għall-futur fit-tul tal-AFCA: sostituzzjoni minn Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali; tnaqqis fid-daqs b'rappreżentanza biss minn oqsma differenti tal-flotta; kummerċ u pproċessar; attività ta' trobbija ta' ħut u ta' frott tal-baħar u attivitajiet portwali; żieda fid-daqs, inklużi s-sajd ta' rikreazzjoni, il-bejgiegħa bl-imnut u l-utenti tal-kosta u tal-baħar; l-inkorporazzjoni tal-AFCA fi Grupp Konsultattiv Marittimu akbar;

Emenda

imħassar

Or. es

Emenda 9
Carmen Fraga Estévez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

8. Jenfasizza l-importanza li jkun evitat l-irdoppjar, b'mod partikulari mal-ħidma tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali, u jikkonsidra li l-għażla finali tkun toqgħod sew mal-politika marittima u tal-baħar, u l-immaniġġjar integrat taż-żoni kostali;

Emenda

8. Jinnota li s-settur tas-sajd għadu ma jitqisx li għandu vuċi suffiċjenti fid-deċiżjonijiet li jaffettwawh; jinnota d-differenzi f'termini ta' rwoli u ħidma, bejn l-ACFA u l-RACs, minħabba li l-ACFA għandu rwol konsultattiv li jinkludi s-CFP kollha u jkopri ż-żona Komunitarja kollha, filwaqt li l-irwol tal-RACs huwa li jagħtu parir speċjalizzat fi ħdan il-kamp ta' influwenza tagħhom; għaldaqstant iqis li l-koeżistenza tal-korpi konsultattivi differenti tgħin biex tiġi żgurata kompatibilità mal-politika marittima u tal-baħar, u l-immaniġġjar

integrat taż-żoni kostali;

Or. es

Emenda 10
Carmen Fraga Estévez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

11a. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li xi organizzazzjonijiet li fl-RACs iservu bħala 'gruppi ta' interess oħrajn' repetutament jieħdu vantaġġ mill-preżenza tagħhom, anke jekk ikunu fil-minoranza, biex iwaqqfu deċiżjonijiet appoġġjati minn maġġoranza ta' rappreżentanti tas-settur tas-sajd u jostakolaw it-teħid ta' deċiżjonijiet b'konsensus;

Or. es

Emenda 11
Jan Mulder

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

12a. Jitlob li d-deċiżjonijiet tekniċi u politiċi jkunu separati; filwaqt li jiġi adottat approċċ reġjonali għad-deċiżjonijeit politiċi u approċċ xjentifiku għad-deċiżjonijiet tekniċi;

Or. nl

Emenda 12
Carmen Fraga Estévez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13 – inċiż 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

- jiżgura li l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali jkunu mistiedna biex jieħdu sehem fil-Kumitat għas-Sajd *meta l-aġenda tkun tkopri kwistjonijiet li jkunu involuti fihom permezz tal-għoti ta' pariri* jew *ta' rakkomandazzjonijiet*;

Emenda

- jiżgura li, *f'intervalli regolari u kulmeta, minħabba r-relevanza tas-suġġetti li jkunu se jiġu diskussi, jkun jidher għaqli li jsir hekk, il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali jkunu mistiedna biex jieħdu sehem fil-Kumitat għas-Sajd **sabiex ikunu jistgħu jressqu l-fehmiet tagħhom*** jew *biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet*;

Or. es

Emenda 13
Carmen Fraga Estévez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13 – inċiż 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

- *jistieden lil membri* tal-Kumitat Inter-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali *biex jagħmlu preżentazzjoni lill-Kumitat wara l-laqgħat ta' koordinazzjoni tiegħu mal-Kummissjoni*;

Emenda

- *jistabbilixxi proċedura biex jiġi żgurat li s-segretarjati tal-Kumitat dwar is-Sajd, l-RACs, u l-Kumitat Inter-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali jibqgħu f'kuntatt regolari bl-iskop li jagħmlu skambju u ġbir ta' informazzjoni relatata mal-attivitajiet, il-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom*;

Or. es

Emenda 14
Carmen Fraga Estévez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13 – inċiż 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- jospita konferenza annwali li tinvolvi lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali u lill-Kummissjoni;

imħassar

Or. es

Or. es

Emenda 15

Carmen Fraga Estévez

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

15. Jitlob lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali biex iżommu lill-membri tal-Kumitat għas-Sajd informati dwar l-attivitajiet, il-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom u biex jistidnuhom biex jattendu waqt il-laqgħat;

imħassar

Or. es

Emenda 16

Jan Mulder

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15 a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

15a. Jitlob li jitfasslu pjanijiet plurijennali bejn dawk kollha li għandhom sehem fis-settur tas-sajd, li jistipulaw ir-regoli u t-TACs għal għadd ta' snin;

Or. nl

Emenda 17
Elspeth Attwooll

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

17a. Jenfasizza l-importanza tal-Politika Komuni dwar is-Sajd bħala l-mezz biex tiġi żgurata l-eżistenza ta' standards, prinċipji u regoli li huma applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji kollha u għall-bastimenti Komunitarji kollha;

Or. en

Emenda 18
Carmen Fraga Estévez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18. Jemmen li għandu jkun hemm devoluzzjoni progressiva tar-responsabilitajiet ta' mmaniġġjar lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali;

18. Iħeġġeġ biex l-irwol ta' konsulenza tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali jiġi kompletament aċċettat u rispettat mill-Kummissjoni, kemm qabel ma jiġu ppreżentati proposti leġiżlattivi u kemm meta jkunu qed jiġu ttrattati;

Or. es

Emenda 19
Jan Mulder

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18. Jemmen li għandu jkun hemm devoluzzjoni progressiva tar-responsabilitajiet ta' mmaniġġjar lill-

18. Jemmen li għandu jkun hemm devoluzzjoni progressiva tar-responsabilitajiet ta' mmaniġġjar lill-

Kunsilli Konsultattivi Reġjonali;

Kunsilli Konsultattivi Reġjonali *u lil dawk li għandhom sehem dirett fis-settur, u bħala riżultat ta' dan, l-għodda ta' mmaniġġjar ibbażati fuq id-drittijiet jistgħu jintużaw biex jirregolaw l-allokazzjoni tad-drittijiet tas-sajd fost is-sajjieda;*

Or. nl

Emenda 20
Elsbeth Attwooll

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Jemmen li għandu jkun hemm devoluzzjoni progressiva tar-responsabilitajiet ta' mmaniġġjar lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali;

Emenda

18. Jemmen, *madankollu*, li għandu jkun hemm devoluzzjoni progressiva tar-responsabilitajiet ta' mmaniġġjar lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali *sabiex titejjeb l-effettività tal-implimentazzjoni ta' standards, prinċipji u regoli ta' dan it-tip;*

Or. en

Emenda 21
Carmen Fraga Estévez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

19. Jemmen ukoll li r-riformi li se ssir tal-Politika Komuni dwar is-Sajd għandhom iwasslu għad-deċentralizzazzjoni sħiħa tagħha bil-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali bħala l-qalba fundamentali;

Emenda

imħassar

Or. es

Emenda 22
Elsbeth Attwooll

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

19. Jemmen ukoll li *r-riformi* li se ssir tal-Politika Komuni dwar is-Sajd għandhom iwasslu għad-deċentralizzazzjoni sħiħa **tagħha** bil-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali bħala l-qalba fundamentali;

Emenda

19. Jemmen ukoll li *r-riforma* li se ssir tal-Politika Komuni dwar is-Sajd għandhom iwasslu għad-deċentralizzazzjoni sħiħa **tal-applikazzjoni tagħha**, bil-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali bħala l-qalba fundamentali **sabiex ikunu jistgħu jifasslu miżuri komuni li jkunu tajbin għall-ispeċifiċitajiet tad-diversi żoni ta' sajd kummerċjali u kundizzjonijiet ta' sajd;**

Or. en